MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 23/2009/1

**Peter Montebello**

**v.**

**L-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollha Fenech Plant Hire Limited.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent appellanti minn sentenza moghtija fil-31 ta' Lulju, 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u li

cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Bir-rikors tieghu tas-27 ta' April 2009 ir-rikorrent appellanti talab lill-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara li l-procedura fil-kawza avviz numru 354/06 SM fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited v. Peter Montebello** deciza finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Marzu 2009 gew vjolati d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni li jaghtu harsien id-dritt ghal smigh xieraq u talab lill-Qorti tipprovdih b'rimedju.

Il-premessi fir-rikors promotorju tal-gudizzju li fuqhom ir-rikorrent appellant ibbaza t-talbiet tieghu huma s-segwenti:

"Illi essenzjalment il-lanjanza tal-esponenti hija illi huwa kien ta diversi eccezzjonijiet fosthom preliminarjament il-preskrizzjoni u mbaghad l-eccezzjoni tal-pagament; illi f'dan id-dawl, kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell iddecidew finalment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u minghajr ma tqieset l eccezzjoni tal-esponent dwar il-pagament laqghat it-talbiet fil-mertu; din il-pozizzjoni giet addottata mill-Ewwel Qorti u replikata mill-Qorti tal-Appell wara li fir-rikors tal-Appell gie senjalat b'mod car illi l-esponent kellu provi fuq il-mertu u talab li jikkontesta l-mertu;

"Illi in-narrattiva tibda' meta quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-udjenza tas-26 ta' Frar iz-zewg partijiet iddikkjaraw li ma kellhomx aktar provi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, gew skambjati noti iffokati unikament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-Ewwel Qorti iddecidiet mhux biss billi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda' wkoll li laqghet it-talba bil-mertu, meta ma' kien hemm xejn x'jindika illi l-Qorti kellha tippronunzja ruha fil-mertu ghaliex fil-fehma tal-esponent dikjarazzjoni illi m'hemmx izjed provi fuq il-preskrizzjoni m'ghandha qatt twassal ghall-konkluzjoni, ladarba hemm eccezzjonijiet ohrajn illi m'hemmx provi fuq l-eccezzjonijiet l-ohrajn; il-kuntest, wiehed irid jarah fid-

dawl illi inghatat mhux biss eccezzjoni wahda izda’ diversi eccezzjonijiet li skont kull intendiment procedurali kellha tigi ittrattata u mhux injorata. Dan il-fatt gie senjalat lill-Qorti tal-Appell fir-rikors tal-Appell partikolarment fl-aggravju disgha (9) u minkejja dan kollu, il-Qorti ta’ l-Appell baqghet ma qisitx l-eccezzjonijiet fil-mertu anke jekk qieset l-aggravji;

“Illi ghalhekk il-kuntest u s-sottofond hija illi t-tieni eccezzjoni fir-risposta tal-esponent ghar-Rikors promotur fejn inghad illi *“l-esponent jghid li sa fejn jaf hu ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici. L-ahhar negozju li sar bejniethom kien snin ilu u jinsab imhallas”* qatt ma giet ikkunsidrata u dan in-nuqqas jikkostitwixxi ic-cahda ta’ smiegh xieraq. Dan id-difett gie senjalat lill-Qorti tal-Appell u l-Qorti tal-Appell, kif inghad, ma tghatx rimedju;

“Illi l-esponent qieghed jesebixxi ircevuti Dok. B, C, D u Cheque mill-image print-out ta’ dak iz-zmien Mid-Med Bank Limited li juri pagamenti lis-socjeta` attrici. Ir-raguni illi dawn qatt ma’ gew prodotti fil-mertu kien semplicement ghaliex il-partijiet kienu qeghdin jittrattaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u allura ma kienx waqtha; minn trattazzjoni ta’ eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ma hemm ebda principju jew logika li jindika li l-mertu ghandu jigi deciz. Dan huwa l-intendiment komuni tal-prattika fil-Qrati;

“Illi dan kollu qed jinghad biex jintwera’ l-punt illi l-esponent eccepixxa l-pagament u dan il-punt qatt ma’ gie ikkunsidrat mill-Qorti;

“Illi l-esponent ghalhekk gie imcahhad mill-opportunita` li jaghmel skrutinju u jikkontesta il-prova fil-mertu meta effettivament kien ta eccezzjoni fil-mertu. L-esponent blebda’ mod ma’ irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-pagament. Dan in-nuqqas fil-procedura imur kontra id-dover tal-Qorti li tezamina kull eccezzjoni u kull punt imqajjem kif ukoll kontra kull principju ta’ avversarjalita’ u smigh xieraq insistu fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.”

Permezz ta' risposta tal-5 ta' Mejju 2009 is-socjeta` appellata wiegbet illi r-rikors kostituzzjonali promotorju tal-gudizzju intavolat mir-rikorrent appellant ghandu jigi michud billi ma nkiser ebda dritt fundamentali tieghu kif sanciti mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kwindi ma ghandu jinghata ebda rimedju u direttiva, kif minnu mitlub.

Is-socjeta` appellata mmotivat ir-risposta taghha kif gej:

"Ir-rikorrenti ma hux korrett f'dak li qed jissottometti ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, u cioe li la l-Ewwel Qorti u lanqas l-Qorti tal-Appell ma qiesu l-eccezzjoni tieghu tal-pagament, u b'hekk gew vjolati l-Artiklu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-artiklu 39 tal Kostituzzjoni ta' Malta.

"Fil-paragrafu [2] tar-rikors tieghu ir-rikorrenti qed jallega illi "din il-pozizzjoni (li z-zewg qrati iddecidew il-kawza minghajr ma qiesu l-eccezzjoni dwar il-pagament) giet addottata mill-Ewwel Qorti u replikata mill-Qorti tal-Appell wara li fir-rikors tal-Appell gie senjalat b'mod car illi lesponenti kellu provi fuq il-mertu u talab li jikkontesta l-mertu".  Inoltre fil-paragrafu [3] tal-istess rikors, l-istess rikorrenti jallega illi "n-narrattiva tibda' meta quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-udjenza tas-26 ta' Frar iz-zewg partijiet iddikkjaraw li ma kellhomx aktar provi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni…"

"Fuq iz-zewg allegazzjonijiet ir-rikorrenti huwa fattwalment inkorrett.  Jigi rilevat illi kif ghandu jirrizulta mill-atti tal-process, sa fejn taf l-esponenti d-dokumenti esibiti mir-rikorrenti mar-rikors promotur qatt ma gew esibiti fl-atti tal-kawza --- almenu l-esponenti qatt ma inghataw ebda kopja taghhom fil-kors tas-smigh tal kawza.  Mhux biss izda kif ukoll sejjer jirrizulta mill-atti tal-process fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2007 il-kawza giet differita ghas-seduta tal-26 ta' Frar 2008 ghall-provi tal-konvenut u ghall-kontro-ezami.  Ma intqal xejn izjed u ma gie redatt xejn izjed f'dik is-seduta oltre minn daqshekk.

"Fis-seduta tal-26 ta' Frar 2008 wara li z-zewg avukati ddikkjaraw li ma kellhomx provi aktar x'jipproducu, il-Qorti laqghet it-talba li saret biex it-trattazzjoni finali ssir b'mod skritt u ghalhekk ivverbalizzat hekk: *"Tikkoncedi lirrappresentant legali tal-konvenut sal-25 ta' April 2008 u lir-rappresentant legali tal-attur sal-25 ta' Gunju 2008 ghar-risposta bil-visto tal-kontro-parti u l-kawza differita ghat-22 ta' Ottubru ghas-sentenza fuq it-talba tas-socjeta` attrici."*

"F'dan il-verbal ma gie b'ebda mod kwalifkat illi s-sentenza kellha tkun limitata fuq il-punti tal-preskrizzjoni, kif qed jissottometti r-rikorrent. Il-kawza thalliet ghas-sentenza "fuq it-talba tas-socjeta attrici" u la darba d-diretturi tassocjeta attrici kienu xehdu fuq l-aspetti kollha tal-kawza u l-konvenut (rikorrenti f'dawn il-proceduri) kellu kull opportunita` li jixhed u attwalment xehed ukoll dwar laspetti kollha tal-kawza, izda kien ghazel li jillimita ruhu, meta ghamel is-sottomissjonijiet tieghu, fuq l-aspett tal-preskrizzjoni biss, dik hija haga tieghu u ma ghandhiex tippregudika lill-intimat esponenti u tibbenefika lir-rikorrenti b'xi mod.

"Jinghad ukoll illi meta wiehed ihares lejn il-process ta' din il-kawza, jirrizulta wkoll illi meta kienu xehdu l-partijiet, f'kors tal-gbir tal-kawza, qatt ma inqalghet xi kontroversja dwar l-ammont reklamat mis-socjeta intimata (attrici f'dik il-kawza) jew illi l-ammont reklamat minnha mhux dovut ghax il-merkanzija ma inghatatx kollha, jew ghax kien hemm fiha xi difetti, jew ghax kien sar xi pagament. Ir-rappresentanti tas-socjeta esponenti xehdu dwar kollox u jekk ikollu jigi ritenut li r-rikorrenti ghazel li ma jixhidx dwar il-kont, meta xehed, ghax ipprefera jissofferma ruhu fuq il-punt tal-preskrizzjoni, allura dik hija affari tieghu u ma jistax igibha bhala ilment kontra l-Ewwel Onorabbli Qorti u l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

"Huwa risaput illi r-rikorrenti (konvenut f'dawk il-proceduri) kellu kull dritt li jitlob li jissofferma ruhu dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu (tal-preskrizzjoni) izda dan ma ghamlux. Lanqas ma hemm xi ordni tal-Qorti jew xi

verbal li dan kellu jsir. Allura mhux gust li huwa jissolleva dan l-ilment quddiem din l-Onorabbli Qorti.

"Jinghad ukoll lli z-zewg eccezzjonijiet moghtija mir-rikorrenti (konvenut fil-proceduri originali) ma jistghux jissussistu fis-sens li wiehed ma jistax jeccepixxi l-preskrizzjoni u simultanjament jeccepixxi wkoll il--pagament ghax il-wahda tinnewtralizza l-ohra. Jekk kien hemm pagament, kif qed jigi issa allegat, mir- rikorrenti lill-intimata, isegwi li ma jistax jippreskrivi ukoll favur tieghu. Jew kien hemm pagament u allura t-talbiet tal-attur ma jistghux jintlaqghu ghax il-pagament ikun lahaq sar jew ittrapassa z-zmien ghall-azzjoni attrici u allura it-talbiet ma jistghux jintlaqghu. Izda li konvenut jilqa' ghat-talbiet attrici biz-zewg eccezzjonijiet, kif jaghmlu dejjem dawn il-Qrati, jikkozzaw ma' xulxin u kwindi, anke fuq dan l-aspett biss, kieku kellu jigi ritenut illi l-Qrati ma tawx kaz tal-eccezzjoni tal-pagament, ghamlu sew ghax iz-zewg eccezzjonijiet ma humiex kompatibbli.

Min-naha tieghu l-appellat l-iehor l-Avukat Generali fir-risposta tieghu tal-25 ta' Mejju 2009 talab li l-appell tar-rikorrent appellant jigi respint bl-ispejjez u mmotiva r-risposta tieghu kif gej:

"Preliminarjament ir-rikorrent kien messu utilizza b'mod effikaci r-rimedju ordinarju li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu billi talab lill-Qorti ta' l-Appell sabiex tannulla ssentenza ta' l-ewwel Qorti ai termini ta' l-artikolu 790 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

"**790.** "Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, **hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibazata fuq** nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimata` ta' persuna jew fuq li ssentenza ta' l-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq **kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq."** (enfasi ta' l-esponent)

"Ghalhekk, skont l-artikolu 790 fuq imsemmi, wiehed jista' jeccepixxi n-nullita` tas-sentenza ghal kull difett li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq, u m'ghandux ghalfejn joqghod jirrikorri ghas-sede Kostituzzjonali sakemm il-Qorti ta' l-Appell ma tkunx irrespingiet tali eccezzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq, f'liema kaz ikun imbaghad possibli u accettabbli legalment li wiehed jaghzel li jipprocedi ulterjorment taht il-ligi kostituzzjonali. Dan stante illi s-smigh xieraq huwa element bazilari tal-principji tal-gustizzja naturali, li kull Qorti mistennija thaddem fiddecizjonijiet taghha.

"Minnflok, ir-rikorrent ghazel li ma jissollevax aggravji dwar difetti li jippregudikawlu l-jedd ta' smigh xieraq, u li jitlob biss ir-revoka tas-sentenza in kwistjoni u jressaq aggravji ohrajn, cioe` bazikament illi: i) l-ewwel Qorti malament interpretat il-fatti illi kien hemm xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni jew ammissjoni da parti tar-rikorrent, u f'kull kaz, il-konflittwalita` fil-provi ma kellhiex twassal ghall-affermazzjoni ta' l-allegata interruzzjoni, u, ii) li l-ewwel Qorti ma ghamletx sew meta iddecidiet ukoll il-mertu tat-talba attrici ghaliex il-kwistjoni devoluta lilha f'dak il-mument anterjuri ghad-decizjoni kienet wahda limitata ghall-punt tal-preskrizzjoni.

"**Appell minn appell**

"2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, dan ir-rikors ma jimmeritax li jigi akkolt stante illi jikkostitwixxi tentattiv ta' appell min appell, u kif gie ritenut mill-Qorti Ewropeja l-funzjoni taghha m'hijiex dik li terga' tezamina kwistjonijiet li jkunu diga` gew ezawriti mill-Qrati ta' Prima u Sekonda Istanza. Altrimenti l-Qorti Ewropeja, u allura anki l-Qrati Kostituzzjonali tal-pajjiz li jkun, jispiccaw jaqdu funzjoni illegittima ta' Qrati tat-Tieni u t-Tielet Appell.

"Illi bazikament l-aggravji sollevati quddiem il-Qorti ta' l-Appell huma l-istess 'aggravji' li ghandha quddiemha din il-Qorti, hlief li r-rikorrent ipprova jikkamuffahom b'dehra kostituzzjonali. Aggravju minhom kien jinvolvi purament kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' fatti mentri l-iehor kien jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-

proceduri li kellha tigi segwita. Iz-zewg aggravji gew decizi mill-Qorti u issa r-rikorrent irid jerga' jittanta jiftah il-kwistjoni.

“**Ilment vag li ma jidhirx li jirrizulta gustifikat ai termini ta' l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.**

“3. Illi inoltre r-rikorrent ma jistax ihalli l-ilment tieghu daqstant vag, izda ghandu jispecifika taht liema kap ta' l-Artikolu 6 qieghed jintesta din l-azzjoni. Bil-mod kif tressaq ir-rikors, l-esponent qed ikun kostrett li jaqta' x'inhi n-natura preciza ta' l-ilment tar-rikorrent.

“Illi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jistipula illi “Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghas-smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghat pubblikament.”

“Illi fil-kaz in ezami, ir-rikorrent hassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ezercita d-dritt tieghu li jappella. Is-smigh li nghata kien pubbliku u z-zewg sentenzi nghataw fi zmien ragonevoli minn zewg Qrati li ma hemmx dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` taghhom per se`.

“Jifdal l-element ta' l-imparzjalita` tas-smigh. L-esponent ma irriskontra ebda parzjalita` fl-imgieba taz-zewg gudikanti. Jekk ir-rikorrent ma qabilx mal-mod kif dawn mexxew il-kawza, dan mhu xejn gdid – il-hin kollu tisma' klijenti jilmentaw mill-andament ta' kawzi.

“**Ilment infondat fil-fatt u fid-dritt**

“4. Illi inoltre l-ilment tar-rikorrent li l-ewwel u t-tieni qorti ma tawx importanza lill-eccezzjonijiet sollevati minnu huwa bla bazi fill-fatt u fid-dritt. L-ewwel Qorti qieset illi mill-provi migjuba kien jidher li r-rikorrent kellu jhallas l-ammont dovut. Huwa minnu li r-rikorrent semma fir-risposta tieghu li sa fejn jaf hu ma kellu jaghti xejn lis-socjeta` attrici. Kompla wkoll josserva li l-ahhar negozju

kien sar ‘hafna snin ilu’ u kien jinsab imhallas. Imma din l-osservazzjoni ma tantx tista’ titqies li ggorr maghha s-sahha ta’ eccezzjoni`, fid-dawl tal-fatt li matul l-andament tal-kawza irrizulta li n-negozju li ghalih ir-rikorrenti gie mitlub ihallas kien sehh bejn l-1998 u l-1999 u di piu` is-socjeta li kienet qed tirriklama l-hlas kienet baghtet ittra ufficcjali dwar dan fl-2004, liema ittra jidher li baqghet bla twegiba izda giet notifikata lir-rikorrent. Ghalhekk huwa certament inverosimili illi r-rikorrent kien qed jirreferi ghan-negozju in kwistjoni meta semma dwar negozju li kien sehh ‘hafna snin ilu,’ u li l-implikazzjoni ta’ kliemu tidher li hi li tant ilu li sehh li prattikament ma jiftakar xejn aktar dwaru.

“Inoltre, fi kwalunkwe kaz l-ewwel Qorti ezaminat il-provi dwar il-preskrizzjoni u ikkonkludiet li kien hemm bizzejjed indikazzjonijiet sabiex tikkonkludi illi “l-verzjoni tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta li hi aktar verosimili u tirrifletti r-realta` tal-fatti kif evolvew”, u li r-rikorrent verament ma kienx effettwa l-pagament mitlub minnu. Kif inhu maghruf, l-apprezzament tal-provi hija funzjoni riservata esklussivament ghall-Qrati ta’ l-iStat, u l-Qorti Ewropea konsistentement tiddeklina milli terga’ tinterpreta l-provi fil-kazijiet imressqa quddiemha, u dan b’mod l-aktar spikkat f’kazijiet civili.

“Inoltre, bla pregudizzju ghas-suespost, li kieku verament ir-rikorrent kien konvint u ried ikun konvincenti li l-ammont mitlub kien proprju dak li hu kien hallas, huwa kien jipprezenta tali ‘eccezzjoni’ fil-bidu nett tar-risposta tieghu, u wiehed ma jridx jinsa illi r-rikorrent inghata l-opportunita` li jaghmel mhux wahda izda zewg risposti. Fit-tieni risposta pero`, illi huwa talab li jaghmel wara li kien seta’ jiccara aktar il-kontenut tal-avviz attrici, huwa ghazel li jiffokka biss fuq tliet alternattivi ta’ preskrizzjoni minnflok kompla jelabora dwar il-hlas li suppost effettwa. Il che igieghel lil min jahseb li tali eccezzjoni (sic) ta’ hlas kienet intiza li sservi ta’ paraventu u xejn aktar.

“Illi l-ewwel Qorti kienet f’pozizzjoni li tiddeciedi l-kawza interament billi, kif irrimarkat il-Qorti ta’ l-Appell infisha, il-provi migjuba mill-partijiet ma kienux limitati biss ghall-

preskrizzjoni izda kienu jolqtu wkoll il-mertu. U kif wiehed seta’ jara, l-vertenza li tat lok ghal din il-kawza kienet pjuttost wahda li tinvolvi l-iccarar tal-fatti konnessi ma’ l-allegat negozju li sehh bejn il-partijiet, u ma kienetx tirrikjedi wisq aktar minn hekk sabiex il-qorti setghet tasal ghal decizjoni fil-mertu.

“Illi l-ewwel Qorti, ghalkemm fid-decizjoni taghha esprimiet b’mod pjuttost energetiku in-nuqqas ta’ qbil taghha mad-difiza li kien qed jaddotta r-rikorrent, ma jistghax jinghad illi iffavuriet lil xi wahda mill-partijiet. It-tnejn inghataw opportunita` ugwali li jressqu l-provi, u t-tnejn inghataw cans li jaghmlu nota ta’ osservazzjonijiet.

“Illi hekk ukoll, fil-fazi ta’ l-appell, il-gudikant stabbilixxa liema kienu l-aggravji ta’ l-appellant u mexa fuqhom. L-aggravji ma kienux jinkludu l-fatt li d-dejn ma kienx dovut ghax kien attwalment gie imhallas. Ukoll, il-Qorti ta’ l-Appell – gustament fl-opinjoni ta’ l-esponent – ma ippermettietx li r-rikorrent iressaq provi dwar l-allegat hlas, u dan billi

i) tali hlas ma kienx imqajjem b’mod car bhala wiehed mill-aggravji, u, aktar minn hekk

ii) illi r-rikorrent kellu kull opportunita` li jressaq tali prova quddiem l-ewwel Qorti, kemm ghax a) min-natura taghha kienet prova li mesha giet esebita fil-bidu tal-proceduri, anki ghal skopijiet ta’ ekonomija tal-gudizzju u b) billi fi kwalunkwe kaz kif diga’ ntqal il-provi li attwalment tressqu mill-partijiet kienu jkopru kemm aspetti procedurali kif ukoll il-mertu tal-kaz.”

Din il-Qorti rat ukoll in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-appellant (fol. 22), tas-socjeta` appellata (fol. 28) u tal-Avukat Generali (fol. 34) kollha prezentati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Fis-sentenza taghha appellata l-ewwel Qorti, wara li rriproduciet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-gudizzju u tar-risposti fuq imsemmija ghamlet diversi

konsiderazzjonijiet li ser jigu hawn taht riprodotti ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell:

"Ikkunsidrat,

"Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li fil-kawza li nfethet kontra tieghu mis-socjeta` intimata Fenech Plant Hire Ltd. ma nghatax smiegh xieraq ghax, skont hu, wara li l-partijiet ressqu provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni, l-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-sentenza taghha tal-22 ta' Ottubru, 2008, mhux biss cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda, fl-istess sentenza, iddecidiet ukoll il-meritu billi akkoljiet it-talba tas-socjeta` allura attrici, u dan minghajr ma qieset l-eccezzjoni tieghu li hu ma kellu jaghti xejn lis-socjeta` allura attrici peress li kollox kien imhallas (eccezzjoni tal-pagament). L-appell tieghu fejn anke ressaq dan l-ilment, gie michud b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Marzu, 2009.

"Illi qabel ma jigi ttrattat il-meritu tal-lanjanza rikorrenti, tajjeb li fil-qosor, jigi traccjat l-iter tal-kawza quddiem il-qrati ordinarji mitluba jittrataw it-talba tas-socjeta` Fenech Plant Hire Ltd. fl-atti tar-rikors/avviz numru 354/06.

"F'dik il-kawza is-socjeta` indikata talbet il-hlas tas-somma ta' Lm 3,321.96 rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lir-rikorrent odjern. Dan eccepixxa (i) in-nullita' tal-avviz peress li kien formulat b'mod vag u (ii) il-pagament. Irrizerva ukoll illi jeccepixxi ulterjerment meta s-socjeta` attrici ticcara it-talba taghha. Eventwalment Peter Montebello ressaq risposta ulterjuri li permess taghha, minghajr preggudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tan-nullita eccepixxa il-preskrizzjoni ta' hmistax-il xahar, ta' sentejn, u dik ta' hames snin. Wara li l-partijiet resqu provi, da parti tas-socjeta` allura attrici, anke fuq il-mertu, il-kawza thalliet "ghas-sentenza fuq it-talba tas-socjeta` attrici". Sussegwentement, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat is-sentenza taghha billi cahdet l-eccezzjoni dwar in-nullita tar-rikors/avviz, u wara li cahdet ukoll kull eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif ulterjorment

sollevata, ghaddiet biex tilqa it-talba tas-socjeta` allura attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm3,321.96 (illum €7,738.09) kif mitluba.

"Peter Montebello ressaq appell mis-sentenza u fost affarijiet ohra, issolleva n-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) peress li dik il-Qorti ddecidiet ukoll il-meritu tat-talba attrici mentri l-kwistjoni devoluta lilha f'dak il-mument anterjuri ghad-decizjoni kienet wahda limitata ghall-punt tal-preskrizzjoni. L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), cahdet dan l-oggravju wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"'Kwantu ghat-tieni motiv ta' aggravju huwa opportun li jigi qabel xejn osservat illi l-kawza giet iddifferita ghas-sentenza fuq it-talba tas-socjeta` attrici. Huwa veru illi kienu qed jigu trattati mill-partijiet d-difizi tal-konvenut fuq il-bazi tal-preskrizzjonijiet minnu sottoposti. Daqstant iehor pero' hu minnhu wkoll illi l-provi prodotti ma kienux ristretti ghal daqshekk biss. Dan hu sew evidenti mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda in atti. Fuq kollox, imbaghad, ma jidherx li a tempo debito f'dik l-istess udjenza jew sussegwentement ghaliha l-appellanti ssenjala lill-Qorti li kien ghad baqalu provi fil-mertu x'jipproduci jew, almenu, ipprotesta ghar-redazzjoni ta' dak il-verbal b'dik id-dikjarazzjoni. Jikkonsegwi, allura, illi jekk dak il-verbal kien qed jattesta l-attivita processwali kompjuta f'dak il-mument, mhux ghal din il-Qorti li tiddisputah jew, ukoll, tinjorah. Konsegwentment, anke dan it-tieni aggravju qed jitqies infondat.'

"Ir-rikorrent issa qieghed iressaq l-istess ilment ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali.

"Din il-Qorti, pero', ma tarax li ghandha tilqa' l-ilment tar-rikorrent. Fl-ewwel lok, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ma jirrizultax li hu minnu li l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni, ghax mill-atti jirrizulta car li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-talba attrici, jigifieri fuq il-mertu kollu tal-kawza. Ir-rikorrent konvenut f'dawk il-proceduri, kien

prezenti ghas-seduta fejn gie registrat dak il-verbal trante il-mandatarju tieghu, u dan ma oggezzjonax dwar il-mod ta' kif gie redatt il-verbal. L-anqas sussegwenti ghall dik l-udjenza ma r-rikorrenti oggezzjona ghall-mod ta' redazzjoni tal-verbal u ma ressaq ebda rikors biex jigbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-kwalifikazzjoni li ppretenda kellha ssir fil-verbal. Id-dritt ta' smiegh xieraq ma jfissirx li min, a tempo vergine, ikollu okkazzjoni jirrimedja ghal xi allegat nuqqas izda jonqos milli jizufruwixxi mill-okkazzjoni, jkollu dritt ulterjuri li jilmenta li nkisirlu xi dritt fondamentali tieghu. Persuna ma tistax tinjora l-ordnijiet tal-Qorti jew tittraskura li ssegwi dak li jigi verbalizzat in atti, u wara tippretendi li sar xi zball li affettwa l-kaz taghha quddiem dik il-Qorti, (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza "Vassallo vs Bondin" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru, 2001). Jekk ghall xi allegat zball parti f'kawza jkollha rimedju li jkun vjabbli u effettiv, izda ma tutilizahx, ma tistax wara tilmenta minn xi nuqqas. Rimedji in konnessjoni mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma marbuta ma nuqqas tal-istat li b'xi mod, jipprovdi rimedju (ara "A & J Hili ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Frar, 2005), u mhux man-nuqqas ta' parti li ssegwi attentivament il-procedura u dak li jkun qed issehh fil-kawza.

"Oltre dan, ir-rikorrent odjern lanqas ma jista jilmenta li hu ma kellux opportunita` iressaq il-provi tieghu in sosten tal-eccezzjoni tieghu tal-pagament peress li quddiem il-Qorti tal-Magestrati (Malta), hu kellu kull opportunita jixhed u jressaq il-provi tieghu. Kien biss f'dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti li r-rikorrent ipprezenta kopja ta' ircevuti biex, skont hu, jsostni l-allegazzjoni tieghu ta' pagament, u dan meta skont l-artikolu 158(4) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civil, dawn id-dokumenti kellhom jigu pprezentati "flimkien mar-risposta guramentata". Jekk ir-rikorrent naqas li jsegwi din irregola ta' procedura, ma jistax wara jilmenta li ma kellux opportunita` jressaq il-provi tieghu. L-artikolu 145 talistess Kodici in oltre jaghti lir-rikorrent, fil-kwalita tieghu ta' appellant mis-sentenza tal-ewwel Qorti, li jipprezenta

flimkien mar-rikors tal-appel tieghu, id-dokumenti li jsahhu t-talbiet tieghu, pero’, id-dokumenti pprezentati issa f’dawn il-proceduri baqghu ma gewx ipprezentati ghall-kunsidirazzjoni tal-Qorti tal-Appell, u dan wkoll huwa nuqqas da parti tar-rikorrenti li ghalih ma jaghtix l-istat u lanqas ma tahti l-parti l-ohra.

“Apparti dan kollu, meta r-rikorrent ipprezenta eccezzjoni ulterjuri (fejn eccepixxa l-preskrizzjoni) hu espressament ghamel dan “minghajr pregjudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tan-nullita`” u ma ghamel ebda riserva fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, dik tal-pagament. Generalment, eccezzjoni ulterjuri, sakemm tkun kompatibbli mal-eccezzjonijiet ohra, titqies dejjem li tkun saret minghajr pregjudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra li jkunu gew sollevati precedentement, pero`, meta originarjament ikunu gew sollevati zewg eccezzjonijiet, u mal-eccezzjoni ulterjuri isir riserva espressa ghall-wahda biss minn dawk l-eccezzjonijiet, dak li jkun jista’ in bona fede jifhem li l-konvenut ma jkunx qed jinsisti fuq l-eccezzjoni l-ohra, specjalment meta dak li jkun ma jkunx insista mal-Qorti u gab ghall-attenzjoni taghha l-htiega li hu jressaq provi fir-rigward.”

Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-appell tar-rikorrent Peter Montebello.**

L-appellant Peter Montebello hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civil tal-31 ta’ Lulju 2009 u interpona dan l-appell minnha permezz ta’ rikors tat-12 ta’ Awwissu 2009 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-31 ta’ Lulju 2009 billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajma mill-intimati tilqa’ t-talbiet fir-rikors bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li l-ewwel Onorabbli Qorti ma apprezzatx il-punt illi l-iter tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kien essenzjalment wiehed iffokat fuq il-punt

tal-preskrizzjoni u dan l-aggravju l-appellant ifittex li jsostnieh fuq diversi konsiderazzjonijiet li jistghu in succint jigu sintesizzati hekk:

1. Illi l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet stradata unikament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-provi kienu gew ezawriti unikament dwar dik l-eccezzjoni mentri dik il-Qorti ghaddiet biex tidderimi l-mertu kollu minghajr ma tat lill-appellant l-opportunita` sabiex jindirizza l-eccezzjoni ulterjuri tal-pagament sollevata minnu f'dik il-kawza liema eccezzjoni baqghet ma gietx deciza.

2. Illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx jew ma kkunsidratx fil-kuntest ta' aspett ta' smigh xieraq il-punt fuq sollevat ghaliex injoratu ghal kollox meta d-dikjarazzjoni li kienet saret kienet twassal ghal konkluzjoni li l-procedura kienet ser tkompli fil-kuntest biss tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

3. Waqt li l-appellant kien ghadu ma ghalaqx il-provi tieghu fuq l-eccezzjoni tal-pagament il-Qrati aditi iddecidew huma li jaghlqu l-istadju tal-provi meta "l-aspett avversarjali huwa implicitu u insitu fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan igib mieghu illi l-provi u l-inizzjattiva taghhom ghandu jirrisjedi fil-parti, soggetti naturalment ghall-kontrolli tal-Qorti, ta' ammissibilita` rilevanza u procedura."

4. Ir-rikorrent appellant jilmenta wkoll li ma jifhimx ghaliex il-Qrati ma apprezzawx il-posizzjoni tieghu bhala konsegwenza naturali minn verbal u "kwazi kwazi ma emmnux il-posizzjoni tieghu".

**Ir-risposta tas-socjeta` appellata**

Is-socjeta` appellata wiegbet ghar-rikors tal-appell billi sostniet li l-appell intavolat mill-appellant ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

Fl-ewwel tlett paragrafi tar-risposta tas-socjeta` appellata jinghad kif gej:

“1. Illi s-socjeta` esponenti ghadha kemm giet notifikata bir-rikors tal-appell tar-rikorrenti li ghalih qed issir din ir-risposta.

2. Illi preliminarjament is-socjeta` esponenti tissottometti illi ir-rikors tal-appell intavolat minn Peter Montebello huwa irritu u null billi ma giex presentat quddiem il-Qorti tal-Appell fis-sede taghha Kostituzzjonali izda gie intavolat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

3. Illi sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess l-istess appell intavolat minn Peter Montebello huwa wkoll irritu u null stante li l-istess rikorrenti ma identifikax ruhu bin-numru tal-identita`, kif titlob il-ligi”

Illi l-kumplament tas-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellata fir-risposta taghha jistghu jigu riassunti kif gej:

a) Fil-mertu s-sentenza appellata hija korretta u ghandha tigi konfermata kemm ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sentenza kif ukoll ghar-ragunijiet l-ohra moghtija fir-risposta.

b) Mhux minnu li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kellha tkun limitata ghall-punt tal-preskrizzjoni peress li l-kawza thalliet ghas-sentenza “fuq it-talba tas-socjeta` attrici” u d-diretturi tas-socjeta` attrici kif ukoll l-allura konvenut, l-appellant odjern, kienu xehedu fuq l-aspetti kollha tal-kawza ghalkemm l-allura konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub kien, b’ghazla tieghu, illimita ruhu ghall-aspett tal-preskrizzjoni, liema ghazla ma ghandhiex tippregudika lis-socjeta` appellata u tibbenefika lill-appellant.

Fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2010 quddiem din il-Qorti diversament komposta (fol. 76) gie registrat il-verbal segwenti”

“Dr Joseph A. Schembri qieghed jirtira l-eccezzjoni preliminari Nru. Tnejn imsemmija fir-risposta tas-socjeta` Fenech Plant Hire Limited.”

Min-naha tieghu l-appellat Avukat Generali wiegeb li fil-fehma tieghu, is-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u dan sostanzjalment ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Ghalkemm bil-verbal tas-26 ta' Frar 2008 kien registrat li "l-partijiet jiddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni" fil-verita' l-partijiet kienu ressqu wkoll il-provi dwar il-mertu u dan kien jindika li kienu temmew il-provi kollha taghhom u li ghalhekk il-verbal imsemmi ma setax jittiehed bhala turija preciza ta' dak li kien sehh.

2, Rigward l-eccezzjoni tal-pagament l-appellant kellu opportunita` adegwata jressaq il-provi tieghu izda kien biss f'dawn il-proceduri kostituzzjonali li ghall-ewwel darba fil-prim' istanza ghazel li jipprezenta kopja ta' ircevuti li skont hu jsostnu l-allegazzjoni ta' pagament.

3. Ma hux minnu li l-kuncett ta' smigh xieraq gie sorvolat mill-Qorti. Dak li gara kien li l-ewwel Qorti ma rriskontrat ebda ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u nnutat certa traskuragni da parti tal-appellant fil-produzzjoni tal-provi tieghu.

4. Mhux minnu li l-appellant ma setax iressaq il-provi tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell fl-appell tieghu mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati minghajr ma jippregudika l-eccezzjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni ghaliex seta' dejjem jipproduci dawk il-provi u jirriserva l-pozizzjoni tieghu f'dawk il-proceduri.

**Fatti tal-kawza**

Ghalkemm fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti hemm rendikont konciz tal-iter tal-kawza quddiem il-qrati ordinarji, inkluz quddiem il-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-iter processwali kif rintraccjat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u riprodott aktar 'l fuq f'din is-sentenza, xorta thoss li qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-appell ikun utili li taghti deskrizzjoni aktar dettaljata tal-iter procedurali fil-Qorti tal-

Magistrati u li essenzjalment kien li skatta l-ilment di fondo tal-apellant f'dawn il-proceduri kostituzzjonali.

Fis-16 ta' Novembru 2006 is-socjeta` appellata pprezentat rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati li fih talbet li l-allura konvenut, illum l-appellant, ihallasha s-somma ta' Lm3,321.96 rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu fuq ordni tieghu stess, bl-imghax u bl-ispejjez.

Il-kawza giet appuntata ghall-24 ta' Jannar 2007 izda f'dik is-seduta irrizulta li l-allura konvenut, l-appellant odjern, kien ghadu ma giex notifikat bir-rikors imsemmi u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Marzu 2007 ghan-notifika.

L-appellant, allura l-konvenut, gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni fis-16 ta' Frar 2007 u b'risposta tieghu tal-5 ta' Marzu 2007 li ssostitwiet dik precedenti tat-2 ta' Marzu 2007 eccepixxa 1. in-nullita` tal-avviz ghaliex kien gie formulat b'mod vag u generiku b'mod li ma setax jeccepixxi u jiddefendi ruhu u 2. li sa fejn jaf huwa ma kellu jaghti xejn lis-socjeta` attrici (illum is-socjeta` appellata) u rriserva li jeccepixxi ulterjorment jekk il-Qorti taghti lis-socjeta` attrici l-fakolta` li ticcara l-avviz inkluz li jeccepixxi jekk ikun il-kaz, il-preskrizzjoni u dik applikabbli.

Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2007 deher il-konsultent legali tas-socjeta` attrici izda l-konvenut ma deherx ghalkemm imsejjah diversi drabi u l-kawza giet differita ghat-2 ta' Mejju 2007 ghall-provi tal-attur u cioe` tas-socjeta` attrici.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2007 deher Carmelo Fenech wiehed mid-Diretturi tas-socjeta` attrici li ta x-xhieda tieghu u esibixxa resokont tal-ammont li s-socjeta` kienet qed tippretendi minghand il-konvenut. Jidher li fil-kors tad-depozizzjoni ta' dan ix-xhud deher il-konsulent legali tal-konvenut, l-appellant odjern, u x-xhud ghadda biex ikompli jiddeponi u jesibixxi zewg ritratti u ittra minghand il-konsultent legali tieghu lill-konvenut u l-kawza giet differita ghat-23 ta' Mejju 2007 "ghall-provi tal-atturi".

Fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2007 deher il-konsulent legali tas-socjeta` attrici u deher il-konvenut assistit mill-avukat tieghu li nforma lill-Qorti li “rizultat tax-xhieda fl-udjenza precedenti se jipprezenta risposta ulterjuri bbazata fuq il-preskrizzjoni”. Aktar tard fl-istess seduta deher Joseph Fenech ghas-socjeta` attrici u “Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-10 ta’ Ottubru 2007 fid-9.00 am.”

Fis-17 ta’ Settembru 2007 il-konvenut f’dik il-kawza, l-appellant odjern, ipprezenta risposta ulterjuri li biha, “minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tan-nullita`” (sottolinear tal-allura konvenut f’dik il-kawza) eccepixxa tlett xorta ta’ preskrizzjoni.

Fl-24 ta’ Settembru 2007 l-allura konvenut, l-apellant odjern, ipprezenta wkoll fl-atti tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, affidavit li fih l-istess konvenut iddikjara li t-talba tas-socjeta` attrici kienet preskritta, li n-negozjati li kienu saru dwar garage ma kellhom ebda konnessjoni ma’ xi allegat debitu tieghu u ma kellu x’jaqsam xejn mal-pretensjoni attrici, li kien negozju mhux relatat u li ma sehhx. Fih il-konvenut halef ukoll li dwar tqattigh ta’ blat din ukoll kienet bicca xoghol normali li ma kellha x’taqsam xejn ma’ xi allegat debitu tieghu u li ma rcieva ebda interpellazzjoni ufficjali, ma jiftakarx li rcieva l-ittra bonarja ffirmata mill-konsulent legali tas-socjeta` attrici, u li qatt ma ghamel xi hlas akkont jew xi ammissjoni u dan ghas-semplici fatt li ma kellu jaghti xejn.

Fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati deher l-avukat tas-socjeta` attrici u deher il-konvenut, l-appellant odjern, assistit mill-avukat tieghu li ddikjara li ma kellux aktar provi dwar il-preskrizzjoni. Il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghall-5 ta’ Dicembru 2007.

Fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2007 deher il-konvenut assistit mill-avukat tieghu u deher l-avukat tas-socjeta` attrici, is-socjeta` appellata. F’dik is-seduta instemghet ix-xhieda ta’ Philip Fenech u Joseph Fenech, zewg diretturi

ohra tas-socjeta` appellata u rega’ xehed Carmel Fenech li kien xehed precedentement.

Huwa opportun li jinghata riassunt tax-xhieda li nghatat u li d-depozizzjonijiet intieri jidhru a fol. 52 sa 57 tal-process tal-proceduri fil-Qorti tal-Magistrati – Malta fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Ltd. v. Peter Montebello** Avviz Nru 354/06SM allegat mal-atti tal-proceduri odjerni.

Philip Fenech irrakonta dwar diversi inkontri li kellu ma’ Peter Montebello fejn talbu jhallas il-bilanc dovut minnu lis-socjeta` u li fihom Montebello jew kien jigi fl-idejn mieghu jew ma kienx jaghti kazu. Jirrakkonta wkoll li f’xi okkazzjoni Peter Montebello kien qallu li meta jdahhal il-flus kien ha jhallas lis-socjeta` appellata u wara beda jghid li kellu garaxx u ried ipartat. Montebello kien offra l-garaxx lix-xhud xi sentejn u nofs qabel ma xehed Philip Fenech.

Joseph Fenech xehed li s-socjeta` tieghu kien ghad kellha tiehu ammont bhala bilanc minghand l-appellant ghal forniment ta’ konkos, li l-appellant kellu garaxx u ried ipartu, u li diversi drabi kellu jmur ikellimhom izda qatt ma kien mar. In kontroezami x-xhud qal li l-kumpanija dejjem tohrog l-fattura, li hu ma jkollux il-fattura izda li l-iskrivan ikollu u li l-konkos kien gie konsenjat lil Montebello xi hames jew sitt snin qabel xehed.

Carmel Fenech xehed li kien ta’ spiss jiltaqa’ mal-konvenut u li f’diversi okkazjonijiet kien ifakkru u dejjem kien jghidlu illi “kien ha jasal”. Ix-xhud jirrakonta wkoll diversi tentattivi li skont hu kienu intizi sabiex jaslu f’arrangament dwar il-kwistjoni li kellhom bejniethom. In kontroezami qal li s-socjeta` tieghu tohrog fatturi, li Montebello beda jhallas izda wara xi zmien waqaf, u kkonferma l-i*statement* li kien ipprezenta tal-ammonti pretizi mis-socjeta` minghand il-konvenut Montebello.

Fil-5 ta’ Dicembru 2007, wara li nstemghu x-xhieda fuq imsemmija, gie registrat li:

“Dr. Schembri ghas-socjeta` attrici jiddikjara li m’ghandux aktar provi x’jipproduci salv il-kontro-ezami tal-konvenut.

Il-kawza differita ghas-26 ta’ Frar 2008 fid-9.00 am ghall-provi tal-konvenut u ghall-kontro-ezami”.

Fis-seduta tas-26 ta’ Frar 2008 deher il-konvenut debitament assistit u deher Carmelo Fenech ghas-socjeta` attrici u kompla jigi verbalizzat kif gej:

“Dr. Galea ghall-konvenut jiddikjara li m’ghandux provi iktar dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Deher Dr. Joseph Schembri ghas-socjeta` attrici;

Xehed bil-gurament Peter Montebello.

Dr. Joseph Schembri jiddikjara li m’ghandux provi aktar x’jipproduci dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni;

Il-partijiet jitolbu li t-trattazzjoni finali ssir b’mod skritt;

Tilqa’ t-talba u tikkoncedi lir-rapprezentant legali tal-konvenut sal-25 t’April 2008 u lir-rapprezentant legali ta’ l-attur sal-25 ta’ Gunju 2008 ghar-risposta bil-visto tal-kontroparti.

Il-kawza differita ghat-22 t’Ottubru 2008 ghas-sentenza fuq talba tas-socjeta` attrici”.

Fix-xhieda qasira tieghu fis-seduta msemmija Peter Montebello kien ghamel xi kjarifiki dwar il-possibilita` ta’ negozju konsistenti fi tpartit imsemmi fl-affidavit precedenti tieghu.

Wara s-seduta msemmija tas-26 ta’ Frar 2008 Peter Montebello pprezenta n-nota tal-osservazzjonijiet tieghu (fol. 62 tal-process tal-Qorti tal-Magistrati) li kjarament u esplicitament hi limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Is-socjeta` appellata ipprezentat in-nota ta’ sottomissjonijiet taghha fit-3 ta’ Lulju 2008 (fol. 66) li wkoll

hi kjarament limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u in partikolari sabiex turi li l-allura konvenut Peter Montebello kien ammetta li kellu jaghti l-ammont reklamat u dan naturalment sabiex tigi kombattuta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti ser qabel kollox tikkunsidra u tiddeciedi l-pregudizzjali li ssollevat is-socjeta` attrici fir-risposta taghha ghar-rikors tal-appell dwar l-irritwalita` u n-nullita` tal-appell intavolat minn Peter Montebello ghar-raguni li huwa naqas milli jidentifika ruhu bin-numru tal-identita` skont il-ligi. Is-socjeta` appellata kienet issollevat pregudizzjali ohra dwar in-nullita' tal-istess appell ghar-raguni li gie prezentat f'din il-Qorti minflok fil-Qorti tal-Appell fis-sede taghha Kostituzzjonali izda kif rilevat aktar 'il fuq f'din is-sentenza din il-pregudizzjali kienet giet irtirata mis-socjeta` appellanti fis-seduta quddiem din il-Qorti tat-18 ta' Jannar 2010.

Dwar il-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata dwar in-nullita` tal-appell minhabba li l-appellant ma identifikax ruhu bin-numru tal-identita` din il-pregudizzjali hi msejjsa fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 174(2)(a) tal-Kap. 12 li jipprovdi li:

"174(2) Kull skrittura jew att iehor li ghandhom jigu notifikati, ghandu jkollhom maghhom:

(*a*) in-numu tal-karta ta' l-identità, jekk ikun il-kaz, jekk il-persuna qed taghmel it-talba fil-kapacità taghha;"

Il-Qorti tirrileva li ma hix espressament komminata n-nullita` tal-att relattiv jekk fl-att relevanti jkun nieqes xi wiehed mir-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 174(2) imsemmi. Anqas jista' jinghad li n-nuqqas ta' indikazzjoni tan-numru tal-karta tal-identita` tal-appellant giebet lis-socjeta` appellata xi pregudizzju tali li jista' jissewwa biss billi r-rikors tal-appell jigi annullat. Di fatti l-partikolaritajiet kollha rikjesti fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 174 huma partikolaritajiet intizi sabiex tigi identifikata l-parti

koncernata.  Dan jidher ukoll car mill-paragrafu (e) tal-istess subartikolu li jipprovdi li ghandhom jigu ndikati wkoll:

“(e) xi partikolari ohrajn li jistghu jghinu ghall-identifikazzjoni tal-partijiet imsemmija kif jista’ jkun stabbilit bil-ligi jew b’ regolament.”

u dan evidentement, kif jindika l-istess subartikolu, sabiex l-iskrittura jew att iehor ikun jista’ jigi notifikat.  Issa l-att in kwistjoni, trattandosi ta’ rikors ta’ appell, ma kienx jirrikjedi li jigi notifikat lill-appellant stess u ghalhekk ma jistax jinghad li l-indikazzjoni tan-numra tal-karta ta’ identita` tal-appellant kien necessarju sabiex l-att in kwistjoni jkun jista’ jigi notifikat.  Anki jekk in-numru tal-karta ta’ identita` seta’ b’xi mod jghin biex l-appellant jigi identifikat lill-appellati li lilhom kien mehtieg jigi notifikat ir-rikors tal-appell in-nuqqas ta’ indikazzjoni tan-numru tal-karta ta’ identita` ma setax ikkaguna xi pregudizzju lis-socjeta` appellata li kienet gia` taf l-identita` tal-appellant sa mill-proceduri fl-ewwel istanza fejn in-numru tal-karta ta’ identita` tieghu kien gie ndikat regolarment fir-rikors promotorju tal-gudizzju u fejn l-appellant deher personalment kemm-il darba fis-seduti quddiem l-ewwel Qorti anki fl-istess hin li deher xi rapprezentant jew iehor tas-socjeta` appellata.  Anqas jista’ n-nuqqas tan-numru tal-karta ta’ identita` jitqies xi nuqqas ta’ partikolarita` essenzjali tal-att meta dak in-numru hu mehtieg biss, kif jipprovdi l-paragrafu (a) relevanti, “jekk ikun il-kaz” jew “if any” fit-test Ingliz.  Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata qed tigi respinta.

Respinta l-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra l-mertu tal-appell intavolat minn Peter Montebello.

Jibda biex jinghad li l-appellant qatt ma ssolleva xi aggravju in konnessjoni ma’ xi nuqqas da parti tal-Qrati fil-proceduri ordinarji li jikkunsidraw l-eccezzjoni li kien ta fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar in-nullita` tal-avviz/rikors promotorju tal-gudizzju ordinarju minhabba

li allegatament dak l-avviz/rikors kien formulat b'mod vag u generiku. Di fatti l-ilment ewlieni fir-rikors promotorju tal-gudizzju f'dawn il-proceduri kostituzzjonali kif ukoll l-aggravju ewlieni dedott fir-rikors tal-appell jikkonsisti fil-fatt li meta l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienu stradati unikament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik il-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-mertu minghajr ma l-appellant, il-konvenut f'dawk il-proceduri, inghata l-opportunita` jindirizza dak il-mertu u minghajr ma kien irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-pagament. Din l-impostazzjoni tal-appellant tal-proceduri konstituzzjonali odjerni hekk cirkoskritti jidher li hi dovuta ghall-fatt li prezumibilment l-affarijiet gew kjarifikati fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u allura l-avviz/rikors quddiem dik il-Qorti ma baqghax aktar vag jew generiku izda l-import tieghu gie sodisfacentement precizat.

Ghalhekk, Il-qofol tal-kwistjoni kostituzzjonali kollha sollevata mill-appellant fil-kors tal-proceduri odjerni hi jekk hux minnu li t-trattazzjoni tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati qabel tat is-sentenza taghha kienetx unikament stradata fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni b'mod li s-sentenza tal-Qorti kellha wkoll tkun ristretta ghal decizjoni fuq dik l-eccezzjoni bil-konsegwenza li meta dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha mhux biss fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda dderimiet ukoll il-mertu hija giet li ssorprendiet u hasdet lill-appellant li gie mcahhad milli jipproduci l-provi tieghu dwar il-mertu u jittratta dwar l-istess.

Jirrizulta li fl-ewwel seduta tat-2 ta' Mejju 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati li fiha beda s-smigh tal-provi xehed Carmelo Fenech ghas-socjeta` attrici u x-xhieda tieghu kienet f'dak l-istadju testendi esklussivament fuq il-mertu tat-talba tas-socjeta` attrici. Izda sa dak inhar kien ghad ma hemm ebda eccezzjoni dwar preskrizzjoni da parti tal-konvenut Peter Montebello, l-appellant odjern. Fis-seduta li kien imiss ma nstemghux provi u l-avukat tal-konvenut informa lill-Qorti li kien bi hsiebu jqajjem il-preskrizzjoni u l-kawza giet differita "ghall-provi tal-konvenut fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-10 ta' Ottubru 2007".

Fis-17 ta’ Settembru 2007, il-konvenut ipprezenta risposta ulterjuri fir-registru tal-Qorti li biha ssolleva diversi perjodi ta’ preskrizzjoni. Fl-24 ta’ Settembru 2007 il-konvenut iprrezenta wkoll affidavit li wkoll kien limitat ghal konsiderazzjonijiet marbuta mal-kwistjoni tal-preskrizzjoni u in partikolari sabiex jikkombatti dak li kien xehed Carmelo Fenech precedentement li seta’ jigi intiz bhala xi allegazzjoni ta’ ammissjoni da parti tieghu li kienet potenzjalment timmina l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fis-seduta li kien imiss wara dak l-affidavit, u cioe` fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2007 l-appellant iddikjara li ma kellux aktar provi dwar il-preskrizzjoni u l-kawza giet differita ghall-provi attrici ghall-5 ta’ Dicembru 2007. F’din l-ahhar data instemghet ix-xhieda ta’ Philip Fenech, Joseph Fenech u Carmel Fenech li wkoll kienet limitata ghal xhieda fuq fatti intizi biex jikkumbattu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hlief forsi ghal xi accenni zghar li seta’ kellhom relevanza wkoll fuq il-mertu, kif jidher mir-riassunt tax-xhieda taghhom moghti aktar qabel f’din is-sentenza. Fi tmiem din ix-xhieda il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Frar 2008 “ghall-provi tal-konvenut u ghall-kontro-ezami“. Fis-seduta tas-26 ta’ Frar 2008 l-avukat tal-konvenut Peter Montebello ddikjara li ma kellux aktar provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u wara li xehed fil-qosor l-istess Peter Montebello dwar xi kjarfiki dwar xi negozju ta’ tpartit, li seta’ jkollu impatt biex tigi kumbattuta l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, l-avukat tas-socjeta` attrici, is-socjeta` appellata f’dawn il-proceduri, iddikjara li ma kellux provi aktar “dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni”.

Dik is-seduta tas-26 ta’ Frar 2008 li kienet l-ahhar wahda qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ntemmet bil-verbal “Il-kawza differita ghat-22 ta’ Ottubru 2008 ghas-sentenza <u>fuq talba tas-socjeta` attrici</u>”. Is-sottolinear huwa tal-Qorti u l-kliem sottolineat huwa riproduzzjoni fidila ta’ dak originali registrat fl-atti tal-kawza tal-Qorti tal-Magistrati u cioe` mhux kif rapportat fil-paragrafu 12 fir-risposta tas-socjeta` appellata ghar-rikors tal-appell fl-atti ta’ dik il-kawza (fol. 86), anqas kif rapportat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li biha kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, jew kif rapportat fil-

paragrafu 6 tar-risposta tas-socjeta` appellata ghar-rikors promotorju ta' dan il-gudizzju (fol. 12 tal-process odjern), jew kif rapportat fis-sentenza appellata fil-parti tal-konsiderandi tal-ewwel Qorti. F'dawn l-atti kollha l-verbal relattiv gie rapportat bhala li jghid li l-kawza giet differita "ghas-sentenza fuq it-talba tas-socjeta` attici" (sottolinear tal-Qorti). Din il-verzjoni giet ripetuta, sahansitra b'ittri grassi u sottolineat, fil-paragrafu 6 tar-risposta tas-socjeta` appellata ghar-rikors ta' appell f'dawn il-proceduri (ara fol 62). L-import tal-kliem "Il-kawza differita ghat-22 ta' Ottubru 2008 ghas-sentenza fuq talba tas-socjeta` attrici" hu ben divers mill-import tal-kliem "Il-kawza differita ghat-22 t'Ottubru 2008 ghas-sentenza fuq **it**-talba tas-socjeta` attrici" (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti). L-ewwel verzjoni, li tirriproduci t-test awtentiku ta' dak verbalizzat, tfisser li t-talba sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza giet mis-socjeta` attrici mentri it-tieni verzjoni, li l-origini taghha kienet is-socjeta` appellata u li giet imbaghad segwita anki mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u mill-ewwel Onorabbli Qorti, tfisser li s-sentenza giet differita ghas-sentenza fuq it-talba tas-socjeta` attrici proposta fl-avviz/rikors promotorju tal-gudizzju quddiem il-qrati ta' kompetenza ordinarja: tal-anqas hekk gie kostantement imfisser dak it-test impreciz mis-socjeta` appellata.

Fid-dawl ta' dak kollu premess jirrizulta li minn meta giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mir-rikorrent appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri *de quo* kollox jindika li l-prosegwiment tal-kawza kien gie limitat bil-beneplacito, tal-anqas, tal-partecipanti kollha fil-process --- socjeta` attrici, konvenut u anki l-Qorti --- ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sakemm fl-ahhar seduta ta' qabel dik li fiha nghatat is-sentenza, u cioe` fis-seduta tas-26 ta' Frar 2008 wara li l-partijiet iddikjaraw li kienu ezawrew il-provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-kawza giet differita ghat-22 ta' Ottubru 2008 ghas-sentenza fuq talba tas-socjeta` attrici. Il-Qorti hi perswaza li f'dik id-data kemm il-partijiet kif ukoll l-ewwel Qorti kellhom l-intendiment li s-sentenza kienet ser tithalla ghas-sentenza unikament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Certament l-appellant kellu kull dritt ikollu l-aspettativa li s-sentenza li kellha tinghata f'dak l-istadju

tinghata fuq il-punt li unikament dwaru saru l-provi minn meta giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din il-konkluzjoni tal-Qorti ssib ukoll appogg fil-fatt li n-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati miz-zewg partijiet wara dik id-data huma t-tnejn limitati ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u fihom ma sar l-anqas l-icken accenn ghall-eccezzjonijiet l-ohra tal-appellant fosthom dik tal-pagament. Bil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati minflok ma ddecidiet biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda ddecidiet ukoll il-mertu kollu tal-kawza wassal sabiex l-appellant gie li ma nghatax smigh xieraq dwar l-eccezzjonijiet kollha li huwa ssolleva ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati b'mod partikolari dwar il-mertu tal-kawza. Meta l-Qorti tiddiferixxi kawza ghas-sentenza fuq eccezzjoni partikolari preliminari izda imbaghad tiddeciedi l-mertu kollu tal-kawza minghajr ma taghti konsiderazzjoni lil u tiddeciedi l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati dan jissorprendi lill-partijiet li jkollhom ragun jilmentaw li ma jkunux inghataw smigh xieraq. Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta tal-15 ta' Marzu 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Perit Joseph Mallia v. Onor. Prim Ministru et**. "Kull kaz ivarja minn iehor imma f'kull kaz il-Qorti trid tassigura li l-proceduri jkunu kondotti b'mod li l-kontendenti oggettivament huma mistennija li jhossu li jkunu nghataw smigh xieraq". Din l-assigurazzjoni tigi nieqsa meta l-partijiet fi stadju tal-kawza jkunu manifestament inghataw x'jifhmu li l-kawza ser l-ewwel tigi trattata u deciza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qabel jigi trattat u deciz il-mertu izda imbaghad il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu ukoll. Dan hu li gara f'dan il-kaz u dan jimmina l-process gudizzjarju u jinficcjah bhala mhux xieraq.

In kwantu il-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, imbaghad, ghaddiet biex tikkonferma s-sentenza *de quo* tal-Qorti tal-Magistrati minghajr ma hi ukoll indirizzat l-eccezjonijiet fil-mertu tal-appellant fil-kawza in kwistjoni l-procedura fl-appell ukoll hi inficjata bl-istess vizzju li gie riskontrat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mill-appellant Peter Montebello billi tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali tal-31 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet Rikors Nru 23/2009 **Peter Montebello v. L-Avukat Generali** u tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati appellati u b'hekk tilqa' t-talbiet tal-appellant Peter Montebello billi (1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-procedura fil-kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited v. Peter Montebello** deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fit-13 ta' Marzu 2009 kisret id-dispost tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu gie nnegat lill-appellant Peter Montebello smigh xieraq f'dawk il-proceduri (2)(a) tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited (C6017) v. Peter Montebello**" in kwantu dik is-sentenza irrespingiet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimat f'dik il-kawza, l-appellant odjern, u kkundanatu jhallas lis-socjeta` Fenech Plant Hire Limited is-somma kif indikat fl-istess sentenza bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif ukoll indikat fl-istess sentenza (b) tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri tat-13 ta' Marzu 2009 fl-istess kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited v. Peter Montebello** in kwantu cahdet l-appell fuq il-mertu tat-talbiet attrici u kkonfermat il-konkluzjoni tas-sentenza hemm appellata fejn irrespingiet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut f'dik il-kawza, l-appellant odjern (c) tordna li l-atti tal-kawza msemmija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet fl-avviz/rikors 354/06 SM wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni numru 2 fir-risposta ta' Peter Montebello tal-5 ta' Marzu 2007 rigwardanti li ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici u li n-negozju li sar bejniethom snin qabel jinsab imhallas, u wara li tisma' l-provi li jistghu jgibu l-partijiet in sostenn tat-talbiet attrici u/jew tal-eccezzjoni imsemmija f'dik il-kawza.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu ugwalment bejn l-appellant u l-appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------